**From:** Kunsill tal-Malti at MEDE
**Sent:** 14 January 2015 12:46
**To:** Human Rights at MSDC
**Cc:** ray.fabri@um.edu.mt
**Subject:** Il-Kummissjoni tad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza - il-lingwa

Sinjuri,

Nota ċkejkna biex nirringrazzjawkom talli, fil-'White Paper' li ppubblikajtu, qed tinkludu l-lingwa bħala waħda mill-bażijiet għall-ugwaljanza, b'rabta mal-proposti li konna għaddejnielkom fl-ewwel fażi tal-konsultazzjoni.

Grazzi li fl-Anness 5, Taqsima 3 (punt vii) qed tinkludu l-ħames punti li semmejnielkom, jiġifieri a) il-lingwa - l-użu konsistenti tal-Malti u l-Ingliż (u lingwi oħra) - bħala waħda mill-bażijiet għal kontra d-diskriminazzjoni, u li l-lingwa tkun inkluża fil-mekkaniżmu tal-ilmenti u l-Marka tal-Ugwaljanza, f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika, b) l-iżvilupp tal-pedagoġija u r-riżorsi edukattivi bil-lingwa nazzjonali, ċ) l-investiment fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija u l-użu tagħha fix-xandir u f'laqgħat pubbliċi, d) l-użu tal-lingwi uffiċjali għall-integrazzjoni tal-barranin fil-komunità Maltija.

Bħala Kunsill, lesti li nikkollaboraw magħkom fuqhom u fuq punti oħra li semmejnielkom, bħall-għoti ta' korsijiet u fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proposti.

Tislijiet,

Thomas

---


**Thomas Pace**
**Direttur Eżekuttiv**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol
Iċ-Ċentru tal-Kurrikulu
Triq Sarria
Il-Furjana FRN 1460

T: 2598 2903 / 2340 2425

http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/
www.um.edu.mt/arts/malti/avvizi/cqp